MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tal-11 ta' Frar, 2010

Numru. 33/2010

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR PAUL BOND**
**KONTRA**

**REBECCA DALLI**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Rebecca Dalli, bint Mario u Rosemarie nee’ Abdilla, mwielda Zabbar nhar id- 9 ta’ Novembru 1991, residenti fil- fond ‘Widnet il- Bahar’ Triq F.M. Ferretti, B’ Bugia u detentrici tal- Karta tal- Identita’ bin- numru 559591(M);

Li giet mressqa quddiemha sabiex twiegeb ghall-imputazzjonijiet;

Talli nhar il- 15 ta’ Mejju 2009 ghal habta ta’ bejn id-9.00pm u l- 10.00pm, waqt li kienet fil- post maghruf bhala ‘The Rookies Bar’ li qieghed fi Triq l- Isponoz, Bugibba/Qawra, ikkommettiet serq ta’ handbag li kien fih mobile, flus kif ukoll oggetti ohra li l- valur taghhom jaccedi l- €233 liema serq hu aggravat bil- valur u l- hin u dan ghad- dannu ta’ Vanessa Ciantar minn l- Isla.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xiehda prodotti;

Rat illi l-imputata irregistrat ammissjoni fl-aktar stadju bikri f’dawn il-proceduri, li giet ikkonfermata minnha wara li l-Qorti tatha zmien xieraq skond il-ligi sabiex tikkonsidra sew din l-ammissjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-imputata irregistrat ammissjoni ghal din il-kawza. Il-Qorti rat li dan l-incident ma kien xejn hlief hmerija ta’ zaghzugha ta’ eta’ tenera. L-Ufficjal Prosekutur fisser lill-Qorti kemm fil-fatt l-imputata kienet gia’ hadet it-taghlima minn dan kollu, u hi wriet li kien iddispjaciha ferm tal-ghemil taghha. Il-Qorti giet informata ukoll li l-oggetti misruqa gew ritornati immedjatament, u l-imputata ghenet bis-shih lill-Pulizija fl-investigazzjonijiet taghha. Il-Qorti giet infurmata ukoll li ma hemmx il-htiega ta’ sorveljanza stretta fuq l-imputata, peress li ma jidherx li hemm problema ta’ dipendenza fuq sustanzi illeciti. Dan jaghmel ghalhekk aktar facli l-applikazzjoni ta’ sanzjoni minima fil-komunita’. Tenut kont ta’ dawn ic-cirkostanzi, li jimmilitaw favur mitigazzjoni fil-piena, u tenut kont ukoll tal-fedina penali ghal kollox netta tal-imputata, il-Qorti hi disposta

taghti provvediment ai termini tad-disposizzjonijiet tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat  l-Artikoli 261, 267, 270 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fuq ammissjoni din il- Qorti issib lill- imputata hatja u ghaldaqstant tilliberaha bil- kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor fi zmien sitt (6) xhur ai terminu tal- Artikolu 22 tal- Kapitolu 446 tal- Ligijiet ta' Malta.

Il- Qorti spjegat il- portata tas- sentenza lill- imputata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------